Nru. 17,490
Prezz 64ċ
Price 64c

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 21 ta' Ottubru, 2003
Tuesday, 21st October, 2003

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 971**

**PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT**

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. XIII ta' l-2003 imsejjaħ l-Att ta' l-2003 dwar is-Saħħa Pubblika.

Il-21 ta' Ottubru, 2003

**Nru. 972**

**AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,485 u 17,487 ta' l-14 u s-17 ta' Ottubru, 2003, rispettivament.

A.L. Nru. 302 ta' l-2003: *Products Safety Act, 2001 (Act No. V of 2001); Fresh Flowers (Marketing Standards) Regulations, 2003.*

A.L. Nru. 303 ta' l-2003: Att biex jirregola t-Telekomunikazzjoni (Kap. 399); Pubblikazzjoni ta' Direttiva mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni.

A.L. Nru. 304 ta' l-2003: *Merchant Shipping Act (Cap. 234); Merchant Shipping (Prevention of Pollution by Garbage) Regulations, 2003.*

A.L. Nru. 305 ta' l-2003: *Merchant Shipping Act (Cap. 234); Merchant Shipping (Fishing Vessels) (Minimum Safety and Health Requirements) Regulations, 2003.*

Il-21 ta' Ottubru, 2003

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 971**

**PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT**

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. XIII of 2003 entitled the Public Health Act, 2003.

21st October, 2003

**No. 972**

**LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE**

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,485 and 17,487 of the14th and 17th October, 2003, respectively.

L.N. No. 302 of 2003: Products Safety Act, 2001 (Act No. V of 2001); Fresh Flowers (Marketing Standards) Regulations, 2003.

L.N. No. 303 of 2003: Telecommunications (Regulation) Act (Cap. 399); Publication of a Directive by the Malta Communications Authority.

L.N. No. 304 of 2003: Merchant Shipping Act (Cap. 234); Merchant Shipping (Prevention of Pollution by Garbage) Regulations, 2003.

L.N. No. 305 of 2003: Merchant Shipping Act (Cap. 234); Merchant Shipping (Fishing Vessels) (Minimum Safety and Health Requirements) Regulations, 2003.

21st October, 2003

**Nru. 973**

**IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Eddie Fenech Adami, K.U.O.M., B.A., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar it-Tnejn, l-20 ta' Ottubru, 2003 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 959 tat-18 ta' Ottubru, 2003 ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

L-20 ta' Ottubru, 2003
(OPM 12/2003 Vol II)

**No. 973**

**RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER**

IT is notified for general information that the Hon. Eddie Fenech Adami, K.U.O.M., B.A., LL.D., M.P., resumed the duties as Prime Minister on Monday, 20th October, 2003 and that the arrangements made by Government Notice No. 959 of the 18th October, 2003, ceased to have effect accordingly.

20th October, 2003

**Nru. 974**

**ĦATRA TA' AĠENT AVUKAT ĠENERALI**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 91 (1) u bl-artikolu 124 (5) (a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva l-ħatra ta' Dott. Silvio Camilleri, Deputat Avukat Ġenerali, bħala Aġent Avukat Ġenerali mis-6 sal-11 ta' Ottubru 2003, u l-ħatra ta' Dott. Anthony Barbara, Assistent Avukat Ġenerali, bħala Aġent Avukat Ġenerali għat-12 u għat-13 ta' Ottubru 2003, id-dati kollha inklużi.

Il-21 ta' Ottubru, 2003

**No. 974**

**APPOINTMENT OF ACTING ATTORNEY GENERAL**

IN exercise of the powers conferred by section 91 (1) and by section 124 (5) (a) of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the appointment of Dr Silvio Camilleri, Deputy Attorney General, to act as Attorney General from the 6th to 11th October, 2003, and the appointment of Dr Anthony Barbara, Assistant Attorney General, to act as Attorney General on the 12th and on the 13th October 2003, all the indicated days inclusive.

21st October, 2003

**Nru. 975**

**ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI U TA' L-IMPJIEG)**

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Politika Soċjali approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

**No. 975**

**APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (INDUSTRIAL AND EMPLOYMENT RELATIONS)**

THE Permanent Secretary in the Ministry for Social Policy has approved the following acting appointment:–

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Mr Anthony Azzopardi | Direttur<br>*Director* | Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impjieg<br>*Industrial and Employment Relations* | 22-24.10.2003 |

Il-21 ta' Ottubru, 2003

21st October, 2003

**Nru. 976**

**NOMINA TA' MEMBRI TAL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru ta' l-Edukazzjoni nnomina lis-Sinjuri hawn taħt imsemmija bħala membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb li beda jseħħ mill-1 ta' Ottubru 2003 sal-31 ta' Diċembru 2004:

**No. 976**

**APPOINTMENT OF MEMBERS OF THE NATIONAL BOOK COUNCIL**

IT is notified for general information that the Minister of Education has appointed the persons listed hereunder on the National Book Council, for a term commencing from 1st October 2003 and terminating on the 31st December 2004:

*Chairman*
Is-Sur Philip Borg

*Membri*
Ms Tessa Baluci
Is-Sur Ġorġ Borg
Ms Priscilla Camilleri
Is-Sur Victor Fenech
Is-Sur Anthony Mangion
Ms Marlene Mifsud Chircop
Is-Sur Paul Mizzi
Is-Sur Louis Scerri
Ms Catherine Vella
Is-Sur Trevor Zahra

Il-21 ta’ Ottubru, 2003

*Chairman*
Mr Philip Borg

*Members*
Ms Tessa Baluci
Mr Ġorġ Borg
Ms Priscilla Camilleri
Mr Victor Fenech
Mr Anthony Mangion
Ms Marlene Mifsud Chircop
Mr Paul Mizzi
Mr Louis Scerri
Ms Catherine Vella
Mr Trevor Zahra

21st October, 2003

**Nru. 977**

**KUMITAT GĦALL-ISMIJIET TAT-TOROQ**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta’ kulhadd illi l-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex ġie rikostitwit kif ġej:

*Chairman*
Ir-Rev. Dott. Joseph Bezzina

*Viċi Chairman*
Is-Sinjura Vitorin Farrugia

*Membri*
Dott. Joseph Debono
Is-Sur Victor Galea
Is-Sur Mario Tabone
Is-Sur George Vella

*Membru/Segretarju*
Is-Sur Joe Muscat

Il-21 ta’ Ottubru, 2003

**No. 977**

**STREET NAMING COMMITTEE**

IT is notified for general information that the Street Naming Committee for Gozo has been re constituted as follows:

*Chairman*
Rev. Dr Joseph Bezzina

*Vice Chairman*
Mrs Vitorin Farrugia

*Members*
Dr Joseph Debono
Mr Victor Galea
Mr Mario Tabone
Mr George Vella

*Member/Secretary*
Mr Joe Muscat

21st October, 2003

**Nru. 978**

**ATT BIEX JIRREGOLA T-TELEKOMUNIKAZZJONI (KAP. 399)**

WARA l-ħruġ ta’ liċenza favur Techinvest Limited biex tipprovdi servizz ta’ *international data communications* inkluż biex terġa’ tbiegħ *excess bandwidth* lil terzi, Techinvest Limited kitbet lill-Awtorità ta’ Malta dwar il-Komunikazzjoni, skond l-artikolu 12 ta’ l-Att biex Jirregola t-Telekomunikazzjoni, biex titlob li tittrasferrixxi l-imsemmija liċenza lil Maltast International Limited.

Kull persuna li tixtieq tagħmel sottomissjonijiet lill-Awtorità dwar din it-talba għandha tagħmel dan sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Ottubru 2003. Hija r-responsabilità ta’ dik il-persuna li tassigura li din is-sottomissjoni tasal għand l-Awtorità sa dik id-data.

Il-21 ta’ Ottubru, 2003

**No. 978**

**TELECOMMUNICATIONS (REGULATION) ACT (CAP. 399)**

FURTHER to the issue of a licence in favour of Techinvest Limited to provide international data communications services including the resale of excess bandwidth directly to third parties, Techinvest Limited has written to the Malta Communications Authority, in accordance with article 12 of the Telecommunications (Regulation) Act, asking that the aforesaid licence be transferred to Maltasat International Limited.

Any person who wishes to make submissions to the Authority in relation to this request may do so by not later than 31st October 2003. It is be the responsibility of that person to ensure that any such submissions are received by the Authority by that date.

21st October, 2003

**Nru. 979**

**ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)**

**Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002**

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

**No. 979**

**TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)**

**Trading Licences Regulations 2002**

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

| Nru. tar-riferenza<br>*Reference No.* | Isem ta' l-applikant<br>*Name of Applicant* | Indirizz tal-post kummerċjali<br>*Address of the commercial premises* | Attività kummerċjali<br>*Commercial activity* | Kodiċi tal-Klassi<br>*Type Code* | Data<br>*Date* |
|---|---|---|---|---|---|
| CD/3209/2003 Pt 37 | Joseph Cefai | Cefai Formal Wear<br>81, Triq San Bert<br>Xewkija<br>Għawdex | Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut<br>*Category III - Wholesale and retail trade* | 52.42 | 14.10.03 |
| CD/3209/2003 Pt 298 | Rachel Sciberras | 'Hi Hair !'<br>82, Triq l-Imrieħel<br>Birkirkara | Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali<br>*Category VI - Social and personal services* | 93.021 | 14.10.03 |
| CD/3209/2002 Pt 286 | Anthony Mifsud | Mifsud Aluminium<br>Triq il-Kappar<br>Mosta | Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura<br>*Category II - Manufacturing activities* | 36.6 | 15.10.03 |
| CD/3209/2003 Pt 201 | Charles Debono | Savoy Antiques & Bric A Brac<br>412 Rue D'Argens<br>Gżira | Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut<br>*Category III - Wholesale and retail trade* | 52.44<br>52.5 | 15.10.03 |
| CD/3209/2003 Pt 346 | Michael Stivala | 136A Triq ix-Xatt<br>Gżira | Kategorija V - Servizzi professjonali u kummerċjali<br>*Category V - Professional and business services* | 70 | 15.10.03 |
| CD/3209/2003 Pt 328 | Charles V. Busuttil | Foster Clark Products Limited<br>UB 31 Qasam Industrijali<br>San Ġwann | Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura<br>*Category II - Manufacturing activities* | 28 | 15.10.03 |

| Nru. tar-riferenza<br>*Reference No.* | Isem ta' l-applikant<br>*Name of Applicant* | Indirizz tal-post kummerċjali<br>*Address of the commercial premises* | Attività kummerċjali<br>*Commercial activity* | Kodiċi tal-Klassi<br>*Type Code* | Data<br>*Date* |
|---|---|---|---|---|---|
| CD/3209/2003 Pt 439 | Mark Anthony Cremona | Cremona Meat Products<br>40 Lord Byron Street<br>Hamrun | Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb<br>*Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages* | 52.22 | 15.10.03 |
| CD/3209/2003 Pt 399 | Mark Anthony Cremona | Cremona Meat Products Two<br>Shop No. 2, Triq San Ġorġ<br>Santa Venera | Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb<br>*Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages* | 52.22 | 16.10.03 |
| CD/3209/2003 Pt 327 | Charles V. Busuttil | Foster Clark Products Limited<br>UB 38 Qasam Industrijali<br>San Ġwann | Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb<br>*Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages* | 15 | 16.10.03 |
| CD/3209/2003 Pt 363 | Karlheinz Knapp | Infratec Pro Ltd<br>KW 7A Qasam Industrijali Kordin<br>Paola | Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura<br>*Category II - Manufacturing activities* | 32 | 15.10.03 |
| CD/3210/203 Pt 15 | David Axisa | Margaret Bakery and Confectionery<br>23 Triq il-Kbira Ħas-Sajjied<br>Birkirkara | Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb<br>*Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages* | 52.24<br>52.25 | 16.10.03 |

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

Il-21 ta' Ottubru, 2003

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Trading Licences Unit, Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

21st October, 2003

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

**Avviż lill-Baħħara Nru. 56 ta' l-2003**

*Taħriġ ta' Sparar mir-Ranges ta' Pembroke*

L-*Air Defense Battery* se jagħmel taħriġ ta' Sparar bl-Artillerija fir-*Ranges* ta' Pembroke mit-Tlieta, it-28 ta' Ottubru 2003 sal-Ħamis, it-30 ta' Ottubru, 2003.

Il-Ħamis, 30 ta' Ottubru 2003 hi data riservata f'każ ta' kanċellazzjoni.

Il-ħinijiet ta' l-isparar se jkunu mill-11.00 a.m. sa l-4.00 p.m. ħin lokali jew 9.00 a.m. sas-2.00 p.m. UTC.

2. It-taħriġ se jsir f'inħawi magħluqa fil-pożizzjonijiet li ġejjin:

**Mill-pożizzjoni A:**

*Latitude* 35° 56' *Longitude* 14° 29'

u minn hemm fuq *bearing* ta' 335 *True* x 8.5 mili nawtiċi sa:

**Pożizzjoni B:**

*Latitude* 36° 03'.70 *Longitude* 14° 24'.60

u minn hemm fuq ark ta' raġġ ta' ċirku ta' 8.5 mili nawtiċi ċentrat fuq il-pożizzjoni A sa:

**Pożizzjoni Ċ:**

*Latitude* 36° 00' 25 *Longitude* 14° 38' .00

u minn hemm fuq *bearing* ta' 240 *True* għall-pożizzjoni A.

Il-bastimenti kollha għandhom iżommu bogħod mill-inħawi ta' l-isparar fid-dati u l-ħinijiet imsemmija u għandhom jobdu l-istruzzjonijiet mogħtija mis-*Safety Launches* li jkunu jbaħħru f'dawk l-inħawi u l-*Valletta Port Control*.

C*hart* affettwata BA 194, 2538 u 2537.

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal ED.50 DATUM

Il-21 ta' Ottubru, 2003

MALTA MARITIME AUTHORITY

**Notice to Mariners No. 56 of 2003**

*Shooting Excercise from Pembroke Ranges*

The Air Defense Battery will be holding an Artillery Shooting Exercise at Pembroke Ranges from Tuesday, 28th October 2003 to Thursday, 30th October 2003.

Thursday, 30th October 2003 is a reserve date in case of cancellation.

Timings of the shoot will be from 11.00 a.m. to 4.00 p.m. local time or 9.00 a.m. to 2.00 p.m. UTC.

2. The exercise will take place in the area enclosed by the following positions:

**From position A:**

Latitude 35° 56' Longitude 14° 29'

thence on a bearing of 335 True x 8.5 nautical miles to:

**Position B:**

Latitude 36° 03'. 70 Longitude 14°24'. 60

thence on an arc of a circle radius 8.5 nautical miles centred on position A to:

**Position C:**

Latitude 36° 00'.25 Longitude 14° 38'.00

thence on a bearing of 240 True to position A.

All vessels must keep well clear of the above firing areas on the dates and times stated and must obey instructions given by Safety Launches patrolling the area and the Valletta Port Control.

Chart affected BA 194, 2538, 2537.

Positions referred to ED.50 DATUM.

21st October, 2003

BORD TAL-KOPERATTIVI

**(Att Nru. XXX ta’ l-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)**

**Avviż ta’ Reġistrazzjoni**

**Ordni Nru. 19**

Ngħarrfu b’dan illi s-Soċjetà li ġġib l-isem “Koperattiva Terrestrial and Maritime Archaeological Services Ltd. (T.e.M.A.S)” u r-regoli tagħha ġew irreġistrati mill-Bord tal-Koperattivi fl-10 ta’ Ottubru 2003, skond id-dispożizzjonijiet ta’ l-artikolu 29(1) ta’ l-Att Numru XXX ta’ l-2001.

Is-Sur Mario Falzon
*Chairperson*
Uffiċċju Ċentrali tal-Koperattivi

L-10 ta’ Ottubru, 2003
CB 34/79/91

CO-OPERATIVES BOARD

**(Co-operative Societies Act No. XXX of 2001)**

**Notice of Registration**

**Order No. 19**

It is hereby notified that the Society under the name “Koperattiva Terrestrial and Maritime Archaeological Services Ltd. (T.e.M.A.S)” and its rules were definitely registered by the Co-operatives Board on 10th October 2003, in accordance with the provisions of Section 29(1) of Act Number XXX of 2001.

Mr Mario Falzon
*Chairperson*
Central Office of Co-operatives

10th October, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Postijiet ta’ Reġistratur fid-Dipartiment tal-Kirurġija fid-Diviżjoni tas-Saħħa**

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa’ applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adattati għall-postijiet ta’ Reġistratur fid-Dipartiment tal-Kirurġija fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta’ Reġistratur għandu salarju ta’ Lm6,688 fis-sena li jiżdied b’Lm256 fis-sena sa massimu ta’ Lm8,224.

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa’ taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta’ Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista’ tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tipprovdi servizz residenti *on-call* skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty*. Dan ir-*roster* jieħu ħsieb it-taħriġ skond il-ħtieġa minn żmien għal żmien kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Sigħat ta’ xogħol ’il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b’remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-gvern u l-*Union* kompetenti.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

**Posts of Registrar in the Department of Surgery in the Health Division**

The Public Service Commission invites applications from qualified Medical Practitioners for the posts of Registrar in the Department of Surgery in the Health Division.

2. The post of Registrar carries a salary of Lm6,688 per annum rising by annual increments of Lm256 up to a maximum of Lm8,224.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

3.2. The appointee will be required to provide resident on-call service in accordance with an established roster which will include night duty. This roster will take into consideration training requirements as may be applicable from time to time as well as the exigencies of the service. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. Il-persuna nominata tithalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:–

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tkun tagħmel parti mid-Dipartiment tal-Kirurġija u tkun taqa' taħt il-Konsulenti u fl-aħħarnett taħt iċ-*Chairman* tad-Dipartiment.

5.2. Il-post ta' Reġistratur jifforma parti integrali tal-programm ta' taħriġ mediku fid-Dipartiment tal-Kirurġija u huwa adattat għal dawk il-kandidati li jixtiequ jaqbdu karriera fil-Kirurġija. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li taħdem, kull tant żmien meta jmissha, fl-ispeċjalitajiet varji tal-mediċina li jkunu determinati miċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-Kirurġija u li jieħdu ħsieb il-ħtiġiet tat-taħriġ mediku tar-Reġistratur, kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Hi mistennija li tieħu parti fl-attivatijiet akkademiċi u ta' taħriġ u f'laqgħat tad-Dipartiment tal-Kirurġija.

5.3. Il-persuna nominata hija mistennija li tkompli tagħmel ix-xogħol ta' *Senior House Officer* iżda f'livell ogħla ta' responsabbiltà. Hija trid tkun kapaċi tagħmel dijanjożi ta' każi ta' kirurġija aktar komplikati u timmaniġġjahom u trid tiżviluppa l-ħila tagħha fil-Kirurġija. Hija tkun responsabbli direttament lejn il-konsulent inkarigat mill-pazjenti. Id-dmirijiet u responsabbilitajiet ewlenin tal-post huma kif ġej:-

a) tieħu sehem billi kuljum tipprovdi l-kura fil-kirurġija ta' rutina u ta' emerġenza għal-livell xieraq ta' dan il-grad, għall-*inpatients* fl-Isptar San Luqa. Dan jinkludi ordni ta' investigazzjoni u ta' tibdil fit-trattament skond kif hi thoss meħtieġ, taħt is-superviżjoni tal-konsulent;

b) attendenza għall-*ward rounds* kemm mal-Konsulent kif ukoll waħedha skond kif meħtieġ;

ċ) tattendi għall-*outpatients clinics* kif meħtieġ;

d) arranġament għad-dħul fl-isptar u tħejjija ta' *discharge summaries* u ta' kull korrispondenza mal-*General Practioners*, kif xieraq;

e) żamma ta' kuntatt mal-qraba tal-pazjenti;

f) assigurazzjoni li r-*records* tal-pazjenti jkunu preċiżi, aġġornati u li jinqraw;

ġ) superviżjoni tax-xogħol ta' *House Officers* li ma jkunux għadhom reġistrati u ta' *Senior House Officers* u parteċipazzjoni fit-taħriġ tagħhom u ta' l-istudenti tal-Mediċina u li jkunu qed jaħdmu fil-*firm*, skond kif ikun xieraq;

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:–

(a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will form part of the Department of Surgery and will be accountable to the Consultants and ultimately to the Chairman of the Department.

5.2. The post of Registrar forms an integral part of the medical training programme of the Department of Surgery and is suitable for candidates wishing to pursue a career in Surgery. The appointee may be required to rotate within the various medical specialities as determined by the Chairman of the Department of Surgery in a way which will take into account both the Registrar's medical training requirements as well as the exigencies of the service. He/She will be required to participate in teaching and academic activities and meetings of the Department of Surgery.

5.3. The appointee is expected to continue with the duties of the Senior House Officer but at a higher level of responsibility. He/She should be able to diagnose and manage more complicated surgical problems and should develop his/her clinical skills. He/She will be directly answerable to the Consultant in charge of the patients. The principal duties and responsibilities of the post are as follows:

a) participation in the day to day provision of routine and emergency surgical care at a level appropriate to the grade for in-patients at St. Luke's Hospital. This includes ordering investigations and changing treatment as he/she feels necessary, under the supervision of the Consultant;

b) attending and undertaking ward rounds as required;

c) attending outpatient clinics as required;

d) arranging admissions and the preparation of discharge summaries and any correspondence to General Practitioners as appropriate;

e) liaison with patients' relatives;

f) ensuring that records of patients are accurate, up to date and legible;

g) supervision of the work of pre-registration House Officers and Senior House Officers and participating in their training, and that of medical students attached to the firm, as appropriate;

h) provvediment ta' servizzi residenzjali *on call* kif meħtieġ;

i) xogħol minflok kollegi f'emerġenza jew meta dawn ikunu bil-*vacation leave* jew *leave* ieħor;

j) żamma ta' kuntatt mal-kollegi li jkunu xogħol immedjatament qabilha jew warajha biex tassigura komunikazzjoni adekwata u kontinwità ta' kura tal-pazjent. Hija trid iżżomm kuntatt mill-qrib ma' infermiera, ma' ħaddiema professjonali u tekniċi kif ukoll ma' dipartimenti oħra biex tassigura li l-informazzjoni meħtieġa għall-kura tal-pazjent u l-investigazzjonijiet meħtieġa jkunu mifhuma sewwa;

k) obbligu li tkun preżenti, taħt ċirkostanzi eċċezzjonali, għax-xogħol barra mill-ħin normali tar-*roster* tagħha meta dan ikun essenzjali għall-kontinwità tal-kura tal-pazjent;

l) il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

5.4. Il-persuna nominata tkun mistennija li turi ħila li tagħmel il-proċeduri terapewtiċi meħtieġa f'każi ta' *acute surgical emergencies.*

6. L-applikanti għandhom:–

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

(ċ) ikollhom kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-*General Surgery* (e.g. MRCS jew kwalifika approvata ekwivalenti) u sentejn wara r-reġistrazzjoni ta' esperjenza fil-*General Surgery* jew fis-*subspecialities* tagħha;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* GP47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Puliżija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern u jagħtu dettalji).

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-post.

h) providing resident on-call services as required;

i) providing cover for colleagues in an emergency or when on vacation or other leave;

j) liaison with colleagues who are on duty immediately before and after himself/herself to ensure adequate communication and continuity of patient care. He/She must liaise closely with nursing, professional and technical staff and other departments to ensure that necessary information on patient care and investigations required are fully understood;

k) undertaking to be available, under exceptional circumstances, for such irregular commitments outside normally rostered duties as are essential for continuity of patient care;

l) the appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

5.4. The appointee will be expected to show capability of carrying out the necessary therapeutic procedures in acute surgical emergencies.

6. Applicants must be:–

(a) citizens of Malta;

(b) in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

(c) in possession of a higher postgraduate qualification in General Surgery (e.g. MRCS or an approved equivalent qualification) and have two years postregistration experience in General Surgery or its subspecialities;

(d) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); other applicants must produce a Police certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għal dan il-post.

10. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*
http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment
jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta.

11. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali (Saħħa), fi 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-21 ta' Novembru, 2003.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

12. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-21 ta' Ottubru, 2003

9. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

10. Application forms may either be downloaded from the following websites:
http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment
or obtained from the Personnel Section, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta.

11. The prescribed application forms together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 21st November, 2003.

12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356-21242884.

13. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

21st October, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Ingaġġ fuq kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Compliance and Assurance Officer* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali**

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Compliance and Assurance Officer* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali.

2.1 Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Compliance and Assurance Officer*, liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra ta' tliet snin fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Compliance and Assurance Officer* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

**Engagement on Contract in the Position of Compliance and Assurance Officer in the Ministry for Social Policy**

The Public Service Commission invites applications for the filling of the position of Compliance and Assurance Officer in the Ministry for Social Policy.

2.1 The selected candidate will be expected to enter into a three-year contract as Compliance and Assurance Officer in the Ministry for Social Policy, which may be renewed thereafter for periods of three years, subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as Compliance and Assurance Officer during the contract period will lead to termination of the contract.

2.2 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku, is-servizz tagħha mal-Ministeru għall-Politika Soċjali kif ukoll mal-Gvern jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, u matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 7, hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-dmirijiet ta' *Compliance and Assurance Officer* u tkun trasferita għad-dmirijiet relatati mal-grad il-ġdid tagħha. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv ta' persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 7 permezz ta' *progression,* il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma tiġix offruta tiġdid tal-kuntratt.

2.4 Kandidati li jkunu għaddew mill-proċess ta' l-għażla u li ma jkunux diġà Uffiċjali Pubbliċi, jiġu kkunsidrati biss jekk ma jinstabux biżżejjed Uffiċjali Pubbliċi adattati biex jimlew il-vakanza eżistenti.

3. Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ekwivalent għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 (bħalissa Lm7,652 fis-sena). F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance.*

4. L-għanijiet u d-dmirijiet ewlenin ta' din il-pożizzjoni huma:-

a) familjarizzar mad-Direttivi u r-Regolamenti dwar Fondi Strutturali in ġenerali u partikulari mal-Fond Soċjali Ewropew u l-iStrateġija Ewropea għax-Xogħol;

b) reviżjoni ta' sistemi ta' kontrolli interni flimkien ma' kontrolli oħra ta' natura mhux finanzjarja fi ħdan il-Ministeru; verifika tal-leġislatura, investigazzjonijiet speċifiċi kif ukoll xogħol ieħor f'oqsma partikolari; żamma ta' kollaborazzjoni stretta mad-Direttorat ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet u kwalunkwe entità ta' kontroll li kontinwament jippromwovu u jassiguraw servizz ta' kwalità.

5.1 L-applikanti għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikollhom *Honours Degree* fl-*Accountancy* mill-Università ta' Malta

2.2 If the selected candidate is a Public Officer, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. If the selected candidate is not a Public Officer, his/her service with the Ministry for Social Policy as well as with Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

2.3 If the selected candidate is a Public Officer, and is during the contract period, appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 7, he/she will be required to relinquish his/her duties of Compliance and Assurance Officer and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. Moreover, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force at the time, but he/she will not be offered subsequent renewal of the contract.

2.4 Successful candidates who are not already Public Officers will only be considered if no Public Officer is found suitable to fill the existing vacancy.

3. The salary attached to the position of Compliance and Assurance Officer is equivalent to the maximum Salary Scale 7 (currently Lm7,652 per annum). In the case that the selected applicant is a public officer, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4. The main objectives and duties in this position are the following:-

a) familiarisation with European Union Directives and Regulations concerning the Structural Funds in general and the European Social Fund (ESF) in particular, and also the European Employment Strategy (EES);

b) reviewing accounting and internal control systems together with non-financial controls within the framework of the Ministry; verification of compliance with legislation, undertaking special investigations and assignments into particular areasġ liaising also with the Internal Audit and Investigations Directorate (IAID) and any IAID-defined compliance and assurance entity; continually promoting, appraising and assuring a service quality system.

5.1 Applicants must:-

(a) be citizens of Malta;

(b) be in possession of an Honours Degree in Accountancy awarded by the University of Malta;

jew

ikollhom kwalifika professjonali ekwivalenti mogħtija minn waħda mill-korpi professjonali kif jidhru hawn taħt:-

*Malta Institute of Accountants (MIA)*
*Association of Chartered Certified Accountants (ACCA)*
*Institute of Internal Auditors (IIA)*

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47)*; applikanti oħra għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa ta' dawn l-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu qatt kinux impjegati tal-Gvern, u jagħtu dettalji).

5.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil dawk il-kandidati li għandhom esperjenza fl-*accountancy/internal audit,* ikollhom kapaċità ta' komunikazzjoni eċċellenti kif ukoll kapaċità fil-lingwa Ingliża.

6. Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa li tagħmel taħriġ kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

7. Il-persuna magħżula trid tkun lesta li ssiefer sikwit fuq xogħol.

8. L-ingaġġ ikun ibbażat fuq ġimgħa ta' erbgħin siegħa xogħol, għalkemm l-esiġenzi tax-xogħol jistgħu jinħtieġu aktar ħin jew ħinijiet irregolari.

9. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10. Bord ta' l-Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun l-aktar adattat għal din il-pożizzjoni.

11. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi żgurat li hija adattata għal din il-pożizzjoni.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:-*
http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
jew jinkisbu mid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Politika Soċjali, Palazzo Ferreria, Triq ir-Repubblika, Valletta.

13. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur, Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Politika Soċjali, Palazzo Ferreria, Triq ir-Repubblika, Valletta, sa

OR

be in possession of an appropriate, equivalent professional qualification awarded by the following recognised professional bodies:-

Malta Institute of Accountants (MIA)
Association of Chartered Certified Accountants (ACCA)
Institute of Internal Auditors (IIA);

(c) be of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47), those applying from outside the Service must produce a Police Certificate of Conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.2 Due consideration will be given to candidates who have experience in accountancy/internal audit, excellent communication skills and a command of the English Language.

6. The selected applicant may be required to undertake training both in Malta and abroad.

7. The selected applicant must be willing to travel frequently abroad.

8. The candidate will generally be expected to work on a 40 hour week basis, although exigencies of the position will require working additional or irregular hours.

9. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals should be presented for verification at the interview).

10. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

11. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he or she is fit for the position.

12. Application forms may be downloaded from the following websites:-
http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
or obtained from the Department of Corporate Services, Ministry for Social Policy, Palazzo Ferreria, Triq ir-Repubblika, Valletta.

13. Applications, together with a detailed Curriculum Vitae, showing qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director Corporate Services, Ministry for Social Policy, Palazzo Ferreria, Triq ir-Repubblika,

mhux aktar tard min-nofsinhar tal-Ġimgħa, il-21 ta' Novembru, 2003.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur, Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Politika Soċjali mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* huwa (+356) 2590 3111).

15. (a) Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur, Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Politika Soċjali għal kull applikazzjoni li titwassal.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat riċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mid-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Politika Soċjali.

Il-21 ta' Ottubru, 2003

Valletta, by not later than noon of Friday, 21st November, 2003.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application form duly signed by the applicant must reach the Director Corporate Services, Ministry for Social Policy, Palazzo Ferreria, Triq ir-Repubblika, Valletta, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Ministry is (+356) 2590 3111.

15. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director, Corporate Services, Ministry for Social Policy, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director, Corporate Services, Ministry for Social Policy, within seven (7) days.

21st October, 2003

## MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

### Postijiet ta' Assistent Ġudizzjarju *Full-Time*

Jintlaqgħu applikazzjonijiet mingħand persuni li jixtiequ jaħdmu ta' Assistent Ġudizzjarju fil-Qrati tal-Ġustizzja.

2. Persuna fil-ħatra ta' Assistent Ġudizzjarju inizjalment tiġi impjegata għal perijodu ta' sena, fuq bażi ta' kuntratt, li jista' jiġġedded kull sena għal perijodi segwenti ta' sena. Is-salarju ta'Assistent Ġudizzjarju huwa dak ta' Skala 8, kif stipulat fl-Estimi Finanzjarji ta' l-2003, li jibda b'Lm5,903 b'żidiet ta' Lm209 kull sena, sa massimu ta' Lm7,157, jekk il-kuntratt jiġġedded. Żidiet ta' l-għoli tal-ħajja li jingħataw fis-snin ta' wara jiġu inklużi fid-data effettiva tagħhom.

3. Assistenti Ġudizzjarji ma jitħallewx jeżerċitaw il-professjoni tagħhom privatament u jkunu meħtieġa li jiddedikaw il-ħin kollu tagħhom għas-servizz tal-post tagħhom. Ir-regoli u regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kemm-il darba dawn ikunu kompatibbli man-nomina, għandhom japplikaw għal min jiġi nominat.

## MINISTRY OF JUSTICE AND HOME AFFAIRS

### Posts of Judicial Assistant Full-Time

Applications are invited from persons who wish to act as Judicial Assistants at the Courts of Justice.

2. A Judicial Assistant will initially be engaged for a period of one year, on a contract basis, which may be renewed for subsequent periods of one year. The salary of a Judicial Assistant is commensurate with Scale Number 8 as shown in the Financial Estimates 2003, commencing at Lm5,903 with increments of Lm209 each year, up to a maximum of Lm7,157, if the contract is renewed. Cost of living increases awarded in subsequent years will be included from their effective date.

3. Judicial Assistants will not be allowed the private practice of their profession and will be required to dedicate their whole time to the service of this post. Rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service will, to the extent that they are not incompatible with the appointment, be applicable to such appointee.

4. Il-kandidati għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikollhom *warrant* biex jipprattikaw bħala avukati fil-Qrati Superjuri ta' Malta;

(ċ) ikun ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qed jaħdmu fis-Servizz Pubbliku għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47)*; l-applikanti l-oħra li japplikaw minn barra għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Pulizija tal-Kondotta mhux aktar tard minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern, u jagħtu d-dettalji).

5. Id-dmirijiet ta' Assistent Ġudizzjarju jinsabu fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) tal-Liġijiet ta' Malta.

6. L-applikanti eliġibbli jkunu meħtieġa biex joqogħdu għall-intervista.

7. L-applikanti li jintgħażlu jkunu eżaminati medikament biex jiġi żgurat li huma adattati għal dan il-post.

8. Persuna li tkun fis-servizz tal-Gvern u li tintgħażel għal din in-nomina jkollha, mat-tmiem tan-nomina bħala Assistent Ġudizzjarju terġa' lura għall-post sostantiv li kellha qabel din in-nomina skond l-istess termini u kundizzjonijiet li kellha qabel. Il-kundizzjonijiet tas-servizz f'dan il-post ma jitqisux li jaqtgħu l-kontinwità tas-servizz mal-Gvern tal-persuna nnominata iżda jitqiesu mas-servizz.

9. L-applikazzjonijiet flimkien ma' kopja fotostatika tal-Karta ta' l-Identità jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Novembru, 2003.

10. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

11. Formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:-*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

jew jinkisbu mingħand id-Direttur Ġenerali, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta.

12. (a) Tingħata rċevuta bil-miktub minnufih mid-Direttur Ġenerali għal dawk l-applikazzjonijiet li jitwasslu bl-idejn.

4. Candidates must be:-

(a) citizens of Malta;

(b) in possession of a warrant to practise as an advocate in the Superior Courts of Malta;

(c) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); other applicants applying from outside must produce a Police Certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5. The duties of a Judicial Assistant are found in the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12) of the Laws of Malta.

6. Eligible applicants will be required to attend for an interview.

7. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

8. An applicant who is in Government service and is selected for such appointment will on the termination of his/her appointment of Judicial Assistant, revert to the substantive post occupied prior to such appointment, under the same terms and conditions previously obtained. The terms of service in such post shall not be deemed to interrupt the continuity of such appointee's Government service but shall be reckoned as such service.

9. Applications, together with a photocopy of the ID Card, will be received in the first instance by the Director General, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta by not later than noon of Friday, 14th November, 2003.

10. Qualifications and experience claimed must be supported by testimonials and/or certificates. (Photocopies to be included with applications, originals to be produced at the interview).

11. Application forms may be downloaded from the folloing websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

or obtained from the Director General, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta.

12. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director General and a receipt given at the time of delivery.

(b) Applikazzjonijiet bil-posta ghandhom jintbaghtu b'posta rreġistrata kmieni biżżejjed biex jiġi żgurat li jkunu waslu fil-ħin skond il-ħin tal-gheluq imsemmi hawn fuq.Tingħata rċevuta bil-miktub għal dawk l-applikazzjonijiet mid-Direttur Ġenerali.

(ċ) Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data tal-gheluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Direttur Ġenerali, Qrati tal-Ġustizzja, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-gheluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* huwa +356-21 240458).

Il-21 ta' Ottubru, 2003

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director General.

(c) Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director General, Courts of Justice, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number is +356 - 21 240458).

21st October, 2003

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA
U l-INTERN

**Postijiet ta' Assistenti Ġudizzjarji *Part-Time***

Jintlaqgħu applikazzjonijiet mingħand persuni li jixtiequ jaħdmu ta' Assistent Ġudizzjarju fil-Qrati tal-Ġustizzja.

2. Assistenti Ġudizzjarji maħtura *part-time* jitħallsu Lm2,400 fis-sena, iżda r-rata sħiħa ta' ħlas tkun suġġetta għal prestazzjoni sodisfaċenti kif ċertifikata mill-Imħallef li jippresiedi. Fin-nuqqas ta' dan iċ-ċertifikat, ir-rata ta' remunerazzjoni titnaqqas bin-nofs.

3. Assistenti Ġudizzjarji maħtura fuq bażi *part-time* jitħallew jeżerċitaw il-professjoni tagħhom privatament iżda jkunu meħtieġa li jiddedikaw 20 siegħa fil-ġimgħa għas-servizz tal-kariga tagħhom. Ir-regoli u regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kemm-il darba dawn ikunu kompatibbli man-nomina, għandhom japplikaw għal persuni nominati.

4. Il-kandidati għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikollhom *warrant* biex jipprattikaw bħala avukati fil-Qrati Superjuri ta' Malta;

(ċ) ikun ta' karattru morali tajjeb (għandu jiġi ppreżentat ċertifikat tal-kondotta mill-Pulizija maħruġ mhux aktar minn sitt xhur mid-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet);

MINISTRY OF JUSTICE
AND HOME AFFAIRS

**Posts of Part-Time Judicial Assistant**

Applications are invited from persons who wish to act as Judicial Assistants at the Courts of Justice.

2. Judicial Assistants appointed on a part-time basis will be renumerated at Lm2,400 per annum, but this will be subject to satisfactory performance as certified by the presiding judge. In the absence of such certification the rate of remuneration shall be reduced by half.

3. Judicial Assistants appointed on a part-time basis will be allowed the private practice of their profession, but will be required to dedicate 20 hours per week to the service of their post. Rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service will, to the extent that they are not incompatible with this appointment, be applicable to such appointees.

4. Candidates must be:-

(a) citizens of Malta;

(b) in possession of a warrant to practise as an advocate in the Superior Courts of Malta;

(c) of good moral character (a Police Certificate of conduct issued not prior to six months before closing date of application, should be produced);

5. Id-dmirijiet ta' Assistent Ġudizzjarju jinsabu fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) tal-Liġijiet ta' Malta.

6. L-applikanti eliġibbli jkunu meħtieġa biex joqogħdu għall-intervista.

7. L-applikanti li jintgħażlu jkunu eżaminati medikament biex jiġi żgurat li huma adattati għal dan il-post.

8. L-applikazzjonijiet flimkien ma' kopja fotostatika tal-Karta ta' l-Identità, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Novembru, 2003.

9. Formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:-*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

jew jinkisbu mingħand id-Direttur Ġenerali, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta.

10. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

11. (a) Applikazzjonijiet mehuda personalment jiġu ċċertifikati bil-miktub li ntlaqgħu mid-Direttur Ġenerali u l-irċevuta tingħata dak il-ħin stess.

(b) Applikazzjonijiet bil-posta ghandhom jintbaghtu b'posta rreġistrata kmieni biżżejjed biex jiġi żgurat li jkunu waslu fil-ħin skond il-ħin tal-għeluq imsemmi hawn fuq.Tingħata rċevuta bil-miktub għal dawk l-applikazzjonijiet mid-Direttur Ġenerali.

(ċ) Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data tal-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Direttur Ġenerali, Qrati tal-Ġustizzja, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* huwa +356-21 240458).

Il-21 ta' Ottubru, 2003

5. The duties of Judicial Assistants are found in the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12) of the Laws of Malta.

6. Eligible applicants will be required to attend for an interview.

7. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

8. Applications will be received in the first instance by the Director General, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta by not later than noon of Friday, 14th November, 2003.

9. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

or obtained from the Director General, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta.

10. Qualifications and experience claimed must be supported by testimonials and/or certificates. (Photocopies to be included with the applications, originals to be produced at the interview).

11. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director General and a receipt given at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director General.

(c) Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director General (Courts of Justice Division) by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number is +356 - 21 240458).

21st October, 2003

KULLEĠĠ MALTI TA’ L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

**Vakanzi - Lecturing Staff**

Il-Kulleġġ Malti ta’ l-Arti, Xjenza u Teknoloġija qed ifittex biex jingaġġa *lecturing staff full-time* u *part- time* li jkun kwalifikat u b’esperjenza fl-oqsma li ġejjin:

*Postijiet Full-Time:*
*Computing* u *IT* (Ċentru ta’ l-MCAST, Għawdex)
Elettronika (Ċentru ta’ l-MCAST, Għawdex)
Matematika (Ċentru ta’ l-MCAST, Għawdex)
Tikħil u Tqegħid ta’ Madum
Xogħol fl-Injam

*Postijiet Full-Time: (Ċentru ta’ l-MCAST, Għawdex)*
*Applied Mechanics*
Kimika
Elettronijka
Bijoloġija Umana

Il-formola ta’ l-applikazzjoni ta’ l-MCAST tinkiseb *online* u mill-Uffiċċju tad-Direttur Amministrattiv, MCAST Main Campus. L-applikanti jistgħu jibagħtu l-formola ta’ l-applikazzjoni tagħhom fl-indirizz imsemmi hawn taht mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, l-10 ta’ Novembru, 2003.

Il-formoli ta’ l-applikazzjoni għal postijiet f’Għawdex jistgħu jinġabru wkoll u jintbagħtu wkoll fiċ-Ċentru ta’ l-MCAST, ix-Xagħra. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Il-21 ta’ Ottubtru, 2003

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

**Vacancies - Lecturing Staff**

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit full-time and part-time lecturing staff that are qualified and experienced in the following areas:

*Full-Time Posts:*
Computing and IT (MCAST Gozo Centre)
Electronics (MCAST Gozo Centre)
Mathematics (MCAST Gozo Centre)
Plastering and Tile Laying
Woodwork

*Part-Time Posts: (MCAST Gozo Centre)*
Applied Mechanics
Chemistry
Electronics
Human Biology

The MCAST application form is available online and from the Office of the Administrative Director, MCAST Main Campus. Applicants may submit the application form at the address below by not later than Monday, 10th November, 2003.

Application forms for posts in Gozo can also be collected from and submitted to the MCAST Gozo Centre, Xagħra. Late applications will not be considered.

21st October, 2003

MINISTERU GHAL GHAWDEX

**Riżultat għall-Post ta’ *Manager* għar-Reġistrazzjoni ta’ Proprjetà fid-Dipartiment tal-*Customer Services* (Sezzjoni tar-Reġistru Pubbliku u ta’ l-Artijiet), Ministeru għal Għawdex**

Id-Direttur tal-*Customer Services* jgħarraf illi wieħed jista’ jara r-riżultat għall-post imsemmi hawn fuq fin-*notice-board* tal-Ministeru għal Għawdex fi Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex u fuq in-*notice-board* ta’ l-Uffiċċju tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-21 ta’ Ottubru, 2003

MINISTRY FOR GOZO

**Result for the Post of Property Registration Manager in the Department of Customer Services (Land and Public Registry Section), Ministry for Gozo**

The Director, Customer Services, notifies that the result for the post mentioned above can be viewed on the notice-board of the Ministry for Gozo, Pjazza San Franġisk, Victoria, Gozo and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

21st October, 2003

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, *Notre Dame Ravelin,* il-Furjana:

**Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-23 ta' Ottubru, 2003, għal:**

CT 256/2003. Provvista, stallazzjoni u kummissjonar ta' tagħmir ta' l-HVAC fil-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Il-Librerija, Blokk E, il-Kampus Prinċipali, Kordin - Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST). Irid jitħallas dritt ta' Lm35 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

**Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-28 ta' Ottubru, 2003, għal:**

CT 254/2003. Provvista ta' *Computerised Radio Frequency Spectrum Management System* għad-Dipartiment tatTelegrafija mingħajr Fili. Proġett ta' l-U. E. – Ref B7-040 *National Pre-Accession Programme 2002 for Malta*.

**Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-30 ta' Ottubru, 2003, għal:**

CT 259/2003. Restawr u rinovar ta' mħażen ta' Xatt il-Barriera, fil-Belt Valletta.

CT 260/2003. Rijabilitazzjoni ta' 91, Triq il-Merkanti, Valletta.

CT 261/2003. Provvista ta' injezzjonijiet *doxorubicin 10mg* u *50mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 262/2003. Provvista ta' injezzjonijiet *desferrioxamine 500mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 263/2003. Provvista ta' *disinfectant/descaler for Cobe Centry 3 haemodialysis system* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 264/2003. Provvista ta' injezzjonijiet *ceftazidime 1g* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 265/2003. Provvista ta' *human albumin 20% solution* - Diviżjoni tas-Saħħa.

**Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-6 ta' Novembru, 2003, għal:**

CT 224/2003. Kompetizzjoni għal Disinn Arkitettoniku għal Skola Sekondarja tas-Subien f'Ta' Żokkrija, il-Mosta – Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

**Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 23rd October, 2003, for:**

CT 256/2003. Supply, installation and commissioning of HVAC equipment at Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST), Library, Block E, Main Campus, Corradino - Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST). A fee of Lm35 will be charged for each copy of tender document.

**Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 28th October, 2003, for:**

CT 254/2003. Supply of a computerised radio frequency spectrum management system for the Department of Wireless Telegraphy. E.U. Project – Ref: B7-040 National Pre-Accession Programme 2002 for Malta.

**Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 30th October, 2003, for:**

CT 259/2003. Restoration and refurbishment of warehouses at Quarry Wharf, Valletta.

CT 260/2003. Rehabilitation of 91, Triq il-Merkanti, Valletta.

CT 261/2003. Supply of doxorubicin 10mg and 50mg injections - Health Division.

CT 262/2003. Supply of desferrioxamine 500mg injections - Health Division.

CT 263/2003. Supply of disinfectant/descaler for Cobe Centry 3 haemodialysis system - Health Division.

CT 264/2003. Supply of ceftazidime 1g injections - Health Division.

CT 265/2003. Supply of human albumin 20% solution - Health Division.

**Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 6th November, 2003, for:**

CT 224/2003. Competition for Architectural Design for a Boys Secondary School at Ta' Żokkrija, Mosta – Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

CT 257/2003. Provvista ta' *intracoronary stents* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 267/2003. Provvista ta' *insulin-biosynthetic biphasic insulin* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 268/2003. Provvista ta' pilloli *levodopa 100mg with carbidopa 10mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 269/2003. Provvista ta' *bags urine drainage* (Adulti) – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 270/2003. Provvista ta' pilloli *carbamazepine 400mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 271/2003. Provvista ta' *lactulose oral solution* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 272/2003. Provvista ta' injezzjonijiet *interferon alfa-2b* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 273/2003. Provvista ta' injezzjonijiet *alteplase 50mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 274/2003. Provvista ta' injezzjonijiet *piperacillin with tazobactam 4.5g* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 275/2003. Provvista ta' pilloli *metformin hydrochloride 500mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 276/2003. Provvista ta' *bowel cleansing preparation* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 277/2003. Provvista ta' *VVIR pacemakers with leads* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 281/2003. Provvista ta' frott u ħaxix (Malta) – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 282/2003. Provvista ta' *powdered soups* (Malta) – Diviżjoni tas-Saħħa.

**Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-18 ta' Novembru, 2003, għal:**

CT 280/2003. Provvista ta' *incontinence diapers* u *pads* għall-Anzjani u persuni b'disabilità - Dipartiment għall-Anzjani u Servizzi fil-Komunità.

**Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-20 ta' Novembru, 2003, għal:**

CT 278/2003. Provvista ta' *column agglutination blood group serology system* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 283/2003. Kiri ta' karozzi tat-tip *self drive* – Ministeru

CT 257/2003. Supply of intracoronary stents - Health Division.

CT 267/2003. Supply of insulin-biosynthetic biphasic insulin – Health Division.

CT 268/2003. Supply of levodopa 100mg with carbidopa 10mg tablets – Health Division.

CT 269/2003. Supply of bags urine drainage (Adult) – Health Division.

CT 270/2003. Supply of carbamazepine 400mg tablets – Health Division.

CT 271/2003. Supply of lactulose oral solution – Health Division.

CT 272/2003. Supply of interferon alfa-2b injections – Health Division.

CT 273/2003. Supply of alteplase 50mg injections – Health Division.

CT 274/2003. Supply of piperacillin with tazobactam 4.5g injections – Health Division.

CT 275/2003. Supply of metformin hydrochloride 500mg tablets – Health Division.

CT 276/2003. Supply of bowel cleansing preparation – Health Division.

CT 277/2003. Supply of VVIR pacemakers with leads – Health Division.

CT 281/2003. Supply of fruits and vegetables (Malta) – Health Division.

CT 282/2003. Supply of powdered soups (Malta) – Health Division.

**Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 18th November, 2003, for:**

CT 280/2003. Provisions of incontinence diapers and pads for senior citizens and persons with disability - Elderly and Community Service Department.

**Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 20th November, 2003, for:**

CT 278/2003. Supply of column agglutination blood group serology system – Health Division.

CT 283/2003. Hire of self drive cars – Ministry for Rural

għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

**Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-25 ta' Novembru, 2003, għal:**

CT 284/2003. Provvista, stallazzjoni u kummissjonar ta' *airconditioning units* fiċ-Ċentri tas-Saħħa - Diviżjoni tas-Saħħa.

**Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-27 ta' Novembru, 2003, għal:**

CT 279/2003. Provvista, konsenja u stallazzjoni ta' tagħmir tal-laboratorju għal-Laboratorju Nazzjonali ta' Malta fil-Qasam Industrijali ta' San Ġwann, San Ġwann - Laboratorju Nazzjonali ta' Malta. Irid jithallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 285/2003. Provvista ta' trasport għall-iskola għal studenti bi bżonnijiet speċjali f'Malta matul is-Sena Skolastika 2003/2004 - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni.

CT 286/2003. Stallazzjoni ta' *lifts* fi Blokki 1-8, Triq Għarnuq, il-Fgura - Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar. Irid jithallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

*CT 287/2003. Servizzi ta' tindif fil-bini kollu tal-*Junior College Campus* – l-Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

*CT 287/2003. Servizzi ta' tindif fil-bini kollu fil-*Campus* ta' l-Università – l-Università ta' Malta. Irid jithallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

*Avviżi li qegħdi jidhru għall-ewwel darba

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti, *Notre Dame Ravelin,* il-Furjana, Tel. 21 220 212, Est. 128, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

L-offertenti huma avżati li jżuru l-*website* tad-Dipartiment tal-Kuntratti fuq http://contracts.gov.mt li tipprovdi informazzjoni dwar sejħiet ta' offerti u rekommandazzjonijiet tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni ta' l-offerti fil-hin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Il-21 ta' Ottubru, 2003

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf ukoll lill-offerenti kollha illi skond klawsola 5(2) (k) u t-Tielet Skeda tar-Regolamenti ta' l-1996 dwar Akkwisti li jsiru mis-Servizz Pubbliku r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat

Affairs and the Environment.

**Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 25th November, 2003, for:**

CT 284/2003. Supply, installation and commissioning of airconditioning units at Health Centres - Health Division.

**Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 27th November, 2003, for:**

CT 279/2003. Supply, delivery and installation of laboratory equipment to the Malta National Laboratory at San Ġwann Industrial Estate, San Ġwann - Malta National Laboratory. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

CT 285/2003. Provision of school transport for students with special needs in Malta during Scholastic Year 2003/2004 - Education Division.

CT 286/2003. Installation of lifts at Blocks 1-8, Triq Għarnuq, Fgura - Housing Construction and Maintenance Department. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

*CT 287/2003. Cleaning services to all buildings on the Junior College Campus – University of Malta. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

*CT 288/2003. Cleaning services to all buildings on the University Campus – University of Malta. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

*Advertisements appearing for the first time

Tender documents are obtainable on application from the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, Tel. 21 220 212, Ext. 128 or on any working day between 8.30 a.m. and noon.

Tenderers are advised to visit the website of the Department of Contracts at http://contracts.gov.mt which provides updated information concerning calls for tenders and General Contracts Committee recommendations.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

21st October, 2003

The Director General (Contracts) also notifies all tenderers that in terms of Clause 5(2) (k) and the Third Schedule of the Public Service (Procurement) Regulations 1996 recommendations made by the General Contracts Committee for

tal-Kuntratti Ġenerali għar-rigward ta' l-għoti ta' kuntratti pubbliċi ser ikunu ppubblikati fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Kuntratti nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa wara nofsinhar. **L-offerenti jistgħu jiksbu din l-informazzjoni billi jużaw il-*polling facilities* fuq in-numru tal-*fax* 2122 6156.**

Kull offerent li jkollu xi oġġezzjoni għal xi rakkomandazzjoni jrid iressaq l-ilment uffiċjali tiegħu lid-Direttur Ġenerali (Kuntratti) fi żmien tliet (3) ijiem tax-xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha. Dan irid isir skond paragrafu (2) tat-Tielet Skeda ta' l-imsemmija Regolamenti li tistabbilixxa fid-dettall il-proċedura li trid tkun segwita f'każ bħal dan. Huwa fl-interess ta' kull offerent li jkun jaf sewwa d-dettalji ta' din l-Iskeda.

Il-21 ta' Ottubru, 2003

the award of public contracts will be given publicity in the Department of Contracts' notice board every Wednesday and Friday after 12.00 noon. **Tenderers may also obtain this information by utilizing the polling facilities on fax number 2122 6156.**

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint to the Director General (Contracts) within not more than three (3) working days from the date of such publication and in accordance with paragraph (2) of the Third Schedule of the said Regulations which lays down in detail the procedure to be followed in such a case. All tenderers should, therefore, familiarise themselves with the provisions of this Schedule.

21st October, 2003

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

**Proġett ta' l-E.U. – *National Pre-Accession Programme 2002 for Malta***

**Dan huwa Supply Procurement Notice taħt *LOCAL OPEN TENDER PROCEDURE***

CT 254/2003. Provvista ta' *Computerised Radio Frequency Spectrum Management System* għad-Dipartiment tat-Telegrafija minħajr Fili. Proġett ta' l-E.U. – Ref: B7-040 *National Pre-Accession Programme 2002 for Malta*.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-hin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviż imsemmi hawn fuq hu sat-TLIETA, it-28 ta' Ottubru, 2003 sal-10.00a.m. (Ħin ta' Malta).

Il-21 ta' Ottubru, 2003

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

**E.U. Project – National Pre-Accession Programme 2002 for Malta**

**This is a Supply Procurement Notice under the *LOCAL OPEN TENDER PROCEDURE***

CT 254/2003**.** Supply of a Computerised Radio Frequency Spectrum Management System for the Department of Wireless Telegraphy. E.U. Project – Ref: B7-040 National Pre-Accession Programme 2002 for Malta.

The Director General (Contracts) notifies for general information that the closing date and time for the presentation of offers for the above mentioned advert is TUESDAY, 28th October, 2003 up to 10.00 a.m. (Malta Time).

21st October, 2003

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

**Proġett ta' l-*E.U. - MEDA - National Pre-Accession Programme 2002 for Malta***
**Dan huwa BISS *EXPRESSION OF INTEREST NOTICE***
**għall-KUNTRATT TA' SERVIZZ taħt ir-*RESTRICTED TENDER PROCEDURE***

Espressjoni ta' interess rigward it-*Technical Safety Management Information System*. Proġett ta' l-E.U. - Ref: EUROPEAID/114862/D/SV/MT. Għal aktar informazzjoni morru fuq il-*Website* uffiċjali f'dan l-indirizz:

http://europa.eu.int/comm/europeaid/index_en.htm li tinkludi *procurement notice* u formola ta' applikazzjoni.

Il-21 ta' Ottubru, 2003

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

**E.U. Project - MEDA - National Pre-Accession Programme 2002 for Malta**
**This is ONLY an EXPRESSION OF INTEREST NOTICE**
**for a SERVICE CONTRACT under the RESTRICTED TENDER PROCEDURE**

Expression of interest regarding a Technical Safety Management Information System. E.U. Project - Ref: EUROPEAID/114862/D/SV/MT. Please refer to the official Website at the following address:

http://europa.eu.int/comm/europeaid/index_en.htm for further information including, the procurement notice and application form.

21st October, 2003

DIPARTIMENT TA' L-ARTIJIET

Il-Kummissarju ta' l-Artijiet jgħarraf illi-

**Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, sa l-10.00 ta' filgħodu tal-Ħamis, it-23 ta' Ottubru, 2003.**

Avviż Nru. 158. Konċessjoni enfitewtika temporanja għal perjodu ta' ħamsa u sittin (65) sena ta' sit f'Pembroke muri bl-aħmar fuq pjanta P.D. 93_2002, għall-formazzjoni ta' *Neighbourhood Centre,* kif spjegat fil-*Pembroke New Neighbourhood Centre Development Guidelines* ippreparat mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm5,000.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 159. Bejgħ ta' ħanut Nru. 1, Triq il-Kbira, Tas-Sliema, muri fuq pjanta L.D. 75/85. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm2,000.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut favur terzi.

Avviż Nru. 160. Bejgħ ta' sit f'San Pawl il-Baħar, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D. 21_2002, mil-livell tat-triq fi Triq Dawret il-Gżejjer sa għoli ta' 3.83 metri. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm5,000.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 161. Bejgħ ta' sit fil-limiti tan-Naxxar, muri bl-aħmar fuq pjanta 57766M. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm5,000.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut favur terzi.

Avviż Nru. 162. Kiri, għal mhux anqas minn erbatax-il sena, tal-Ħanut vojt Nru. 2 fi Blokk E, Qasam tad-Djar tal-Ħawli, il-Birgu, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D. 78_80_19_A. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut favur terzi.

Avviż Nru. 163. Kiri tal-Ħanut vojt Nru. 14 (qabel Nru. 10), *Civic Centre Area,* Triq Inez Soler, Santa Luċija, muri bl-aħmar fuq pjanta L.D. 11/82/56. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut favur terzi.

**Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, sal-10.00 ta' filgħodu tal-Ħamis, is-6 ta' Novembru, 2003.**

LAND DEPARTMENT

The Commissioner of Land notifies that:–

**Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 a.m. of Thursday, 23rd October, 2003.**

Advt. No. 158. Grant on temporary emphyteusis for a period of sixty five (65) years of a site at Pembroke, shown edged in red on plan P.D. 93_2002, for the formation of a Neighbourhood Centre as outlined in the Pembroke New Neighbourhood Centre Development Guidelines prepared by the Malta Environment and Planning Authority. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm5,000.00 as stipulated in the tender conditions

Advt. No. 159. Sale of shop No. 1, Triq il-Kbira, Sliema, shown on plan L.D. 75/85. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm2,000.00 as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal in favour of third party.

Advt. No. 160. Sale of a site in Saint Paul's Bay, shown in red on plan P.D. 21_2002, from the road level at Triq Dawret il-Gżejjer up to a height of 3.83 metres. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm5,000.00 as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 161. Sale of a site in the limits of Naxxar, shown edged in red on plan 57766M. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm5,000.00 as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal in favour of third party.

Advt. No. 162. Lease, for not less than fourteen (14) years of the bare Shop No. 2 at Block E, Tal-Ħawli Housing Estate, Birgu, shown edged in red on plan P.D. 78_80_19_A. This tender is subject to a right of first refusal in favour of third party.

Advt. No. 163. Lease of the bare Shop No. 14 (previously No. 10), Civic Centre Area, Triq Inez Soler, Santa Luċija, shown edged in red on plan L.D. 11/82/56. This tender is subject to a right of first refusal in favour of third party.

**Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 a.m. on Thursday, 6th November, 2003.**

Avviż Nru. 164. Bejgħ ta' sit fil-Madliena, limiti tas-Swieqi, muri bl-aħmar u markat 'A' fuq pjanta P.D.124_2002. Dan il-bejgħ hu soġġett għal servitù eżistenti ta' terzi. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm6,000.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 165. Bejgħ ta' sit fil-Madliena, limiti tas-Swieqi, muri bil-blu u markat 'B' fuq pjanta P.D.124_2002. Dan il-bejgħ hu soġġett għal servitù eżistenti ta' terzi. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm6,000.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 166. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju ta' erbgħa u sittin Liri Maltin (Lm64.00) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu ta' mija u ħamsin (150) sena li beda fis-16 ta' April, 1982, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, ta' l-immobbli bl-istrutturi mibnija fuqha fi *Plot* Nru. 58, Triq il-Lampuki, San Pawl il-Baħar, murija bl-aħmar fuq pjanta P.D. J.O.8_2003. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm1,000.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut favur terzi.

Avviż Nru. 167. Bejgħ ta' sit fi Sqaq Nru. 1, Triq Ġorġ Borg Olivier, ir-Rabat, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D. JO_22_2003. Dan il-bejgħ hu soġġett għal servitù eżistenti ta' terzi. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm5,000.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 168. Bejgħ ta' (i) id-Dirett Dominju Temporanju ta' tletin Liri Maltin (Lm30.00) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu ta' ħamsin (50) sena li beda fis-6 ta' Novembru, 1981, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, ta' sit fi Trejqet l-Għobbejra, iż-Żejtun, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.7_80_94; u

(ii) l-assoluta proprjetà ta' sit fi Trejqet l-Għobbejra, iż-Żejtun, muri bl-isfar fuq pjanta P.D.7_80_94.

L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm500.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut favur terzi.

Avviż Nru. 169. Bejgħ ta' (i) id-Dirett Dominju Temporanju ta' tlieta u tletin Lira Maltija (Lm33.00) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu ta' ħamsin (50) sena li beda

Advt. No. 164. Sale of a site in Madliena, limits of Swieqi, shown edged in red and marked 'A' on plan P.D.124_2002. This sale is subject to existing third party servitudes. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm6,000.00 as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 165. Sale of a site in Madliena, limits of Swieqi, shown edged in blue and marked 'B' on plan P.D.124_2002. This sale is subject to existing third party servitudes. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm6,000.00 as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 166. Sale of the Temporary Directum Dominium of sixty four Malta Liri (Lm64.00) per annum, for the remaining period which commenced on the 16th April, 1982, for a period of one hundred and fifty (150) years, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of the immovable with the structures erected thereon at Plot No. 58, Triq il-Lampuki, Saint Paul's Bay, shown edged in red on P.D. JO_8_2003. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm1,000.00 as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal in favour of third party.

Advt. No. 167. Sale of a site in Alley No. 1, Triq George Borg Olivier, Rabat, shown edged in red on plan P.D.JO_22_2003. This sale is subject to existing third party servitudes. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm5,000.00 as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 168. Sale of (i) the Temporary Directum Dominium of thirty Malta Liri (Lm30.00) per annum, for the remaining period which commenced on the 6th November, 1981, for a period of fifty (50) years, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of the site in Trejqet l-Ghobbejra, Żejtun, shown edged in red on plan P.D.7_80_94; and

(ii) the absolute ownership of the site in Trejqet l-Għobbejra, Żejtun, shown edged in yellow on plan P.D.7_80_94.

Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm500.00 as stipulated in the tender conditions.

This tender is subject to a right of first refusal in favour of third party.

Advt. No. 169. Sale of (i) the Temporary Directum Dominium of thirty three Malta Liri (Lm33.00) per annum, for the remaining period which commenced on the 6th Novem-

fis-6 ta' Novembru, 1981, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, ta' sit fi Trejqet l-Għobbejra, iż-Żejtun, muri bil-blu fuq pjanta P.D.7_80_94; u

(ii) l-assoluta proprjetà ta' sit fi Trejqet l-Għobbejra, iż-Zejtun, muri bl-aħdar fuq pjanta P.D.7_80_94.

L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm500.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut favur terzi.

Avviż Nru. 170. Għotja b'ċens għal perjodu li jintemm fit-2 ta' Awissu, 2031, ta' sit bl-arja tiegħu sa għoli ta' 2.97 metri mil-livell tat-triq, għall-bini ta' garaxx, fi Triq Tursin il-Bir, iż-Żejtun, muri bl-aħmar u mmarkat Nru. 3 fuq pjanta P.D.7_80_93_A. Dan is-sit hu soġġett għal servitujiet ezistenti ta' terzi.

Avviż Nru. 171. Għotja b'ċens għal perjodu li jintemm fit-2 ta' Awissu, 2031, ta' sit bl-arja tiegħu sa għoli ta' 2.97 metri mil-livell tat-triq, għall-bini ta' garaxx, fi Triq Tursin il-Bir, iż-Żejtun, muri bl-aħmar u mmarkat Nru. 4 fuq pjanta P.D.7_80_93_A. Dan is-sit hu soġġett għal servitujiet eżistenti ta' terzi.

Avviż Nru. 172. Kiri tal-garaxx Nru. 21 (qabel Nru .7) Triq il-Ġewża, San Ġwann, muri bl-aħmar fuq pjanta L.D.135/81/21.

Avviż Nru. 173. Bejgħ tal-Ħanut 'A', Blokk 3 fi Gżira Complex, il-Gżira, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.14_2002. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm5,000.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut favur terzi.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kondizzjonijiet relevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u 11.45 a.m. Irid jitħallas dritt ta' Lm5 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta. Il-ħlasijiet jiġu aċċettati biss b'*cheque* jew *money order*. L-offerta tkun valida biss jekk ikollha magħha t-timbru uffiċjali tad-Dipartiment.

Il-21 ta' Ottubru, 2003

ber, 1981, for a period of fifty (50) years, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of the site in Trejqet l-Għobbejra, Żejtun, shown edged in blue on plan P.D.7_80_94; and

(ii) the absolute ownership of the site in Trejqet l-Għobbejra, Żejtun, shown edged in green on plan P.D.7_80_94.

Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm500.00 as stipulated in the tender conditions.

This tender is subject to a right of first refusal in favour of third party.

Advt. No. 170. Grant on emphyteusis, for a period to end on 2nd August, 2031, of a site with its airspace up to a height of 2.97 metres from street level, for the erection of a garage, in Triq Tursin il-Bir, Żejtun, shown edged in red and marked No. 3 on plan P.D.7_80_93_A. This site is subject to existing third party servitudes.

Advt. No. 171. Grant on emphyteusis, for a period to end on 2nd August, 2031, of a site with its airspace up to a height of 2.97 metres from street level, for the erection of a garage, in Triq Tursin il-Bir, Żejtun, shown edged in red and marked No. 4 on plan P.D.7_80_93_A. This site is subject to existing third party servitudes.

Advt. No. 172. Lease of garage No. 21 (formerly No.7), Triq il-Ġewża, San Ġwann, shown edged in red on plan L.D. 135/81/21.

Advt. No. 173. Sale of Shop 'A', Block 3, Gżira Complex, Gżira, hown edged in red on plan P.D.14_2002. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm5,000.00 as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal in favour of third party.

Tenders should be made only on the prescribed form which, together with the relevant conditions and other documents are obtainable from the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta, on any working day between 8.30 a.m. and 11.45 a.m. A fee of Lm5 will be charged for each copy of tender document. Payments are to be made only by cheque or money order. Tenders are only valid if they bear the official stamp of the Department.

21st October, 2003

TAQSIMA TAX-XOGĦLIJIET

Id-Direttur Ġenerali, Taqsima tax-Xogħlijiet, jgħarraf illi:–

**Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-24 ta' Ottubru, 2003, fit-Taqsima tal-Kuntratti u *Procurement,* Taqsima tax-Xogħlijiet, il-Furjana, jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet magħluqin għal:-**

Avviż Nru. 102/2003. Kuntratt perjodiku għall-provvista u konsenja ta' *tyres* għad-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi, Taqsima tax-Xogħlijiet.

Avviż Nru. 103/03. Kuntratt perjodiku għall-provvista u konsenja ta' ċangaturi tal-konkos *precast* għall-passaġġi tan-nies.

Avviż Nru. 104/03. Xogħlijiet ta' pavimentar fi pjazza f'Paceville.

Kwot. Nru. 64/03. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' servizzi ta' tindif għat-Taqsima tal-Kuntratti u *Procurement*, Taqsima tax-Xogħlijiet.

Kwot. Nru. 65/03. Xogħlijiet tad-drenaġġ fi Triq San Ġużepp, San Ġwann.

**Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, il-31 ta' Ottubru, 2003, fit-Taqsima tal-Kuntratti u *Procurement,* Taqsima tax-Xogħlijiet, il-Furjana, jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet magħluqin għal:-**

Avviż Nru. 105/03. Kuntratt perjodiku għall-provvista u konsenja ta' pajpijiet tal-*uPVC* għat-Taqsima tax-Xogħlijiet.

Avviż Nru. 106/03. Xiri, provvista u twaqqif ta' sistema ta' *scaffolding* ġdida u kompluta għall-Proġett tar-Rijabilitazzjoni tal-Belt Valletta, Taqsima tax-Xogħlijiet.

Kwot. Nru. 66/03. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *rainsuits* industrijali għat-Taqsima tax-Xogħlijiet.

Il-formoli ta' l-offerti/kwotazzjonijiet u kull tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu wara li jsir ħlas ta' Lm3 kull wieħed mill-uffiċċju msemmi hawn fuq f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar.

Il-21 ta' Ottubru, 2003

WORKS DIVISION

The Director General, Works Division, notifies that:–

**Sealed tenders/quotations will be received at the Contracts and Procurement Section, Works Division, Floriana, up to 10.00 a.m. on Friday, 24th October, 2003, for:-**

Advt. No. 102/2003. Period contract for the supply and delivery of tyres to the Manufacturing and Services Department, Works Division.

Advt. No. 103/03. Period contract for the supply and delivery of precast concrete paving blocks for pedestrian footways.

Advt. No. 104/03. Paving works of an intersection (piazza) at Paceville.

Quot. No. 64/03. Period contract for the provision of cleaning services to the Contracts and Procurement Section, Works Division.

Quot. No. 65/03. Sewer works at Triq San Ġużepp, San Ġwann.

**Sealed tenders/quotations will be received at the Contracts and Procurement Section, Works Division, Floriana, up to 10.00 a.m. on Friday, 31st October, 2003, for:-**

Advt. No. 105/03. Period contract for the supply and delivery of uPVC pipes and fitting to the Works Division.

Advt. No. 106/03. Purchase, supply and erection of a brand new complete scaffolding system for the Valletta Rehabilitation Project, Works Division.

Quot. No. 66/03. Period contract for the supply of industrial rainsuits to the Works Division.

Forms of tenders/quotations may be obtained against a payment of Lm3 each together with any further information required from the above-mentioned office on any working day between 8.00 a.m. and noon.

21st October, 2003

KORPORAZZJONI ENEMALTA

Iċ-*Chairman* jgħarraf illi:–

**Kategorija A – Stmati sa Lm3,000**

**Sal-11.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, it-22 ta' Ottubru, 2003, fil-kaxxa ta' l-offerti ta' l-Enemalta, il-Marsa, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:–**

| | |
|---|---|
| E/E/Q/51/2003. | *Cold pouring resin compound* |
| E/E/Q/56/2003. | *Spacer clamps* |
| E/E/Q/57/2003. | *Phenolic paper sheets* |

**Sal-11.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, id-19 ta' Novembru, 2003, fil-kaxxa ta' l-offerti ta' l-Enemalta, il-Marsa, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:–**

| | |
|---|---|
| E/E/Q/59/2003. | *Confined space rescue system* |
| E/E/Q/62/2003. | *Surge divertors* |
| E/E/Q/63/2003. | *Mild steel flanges* |
| E/DPS/Q/5/2003. | *Stainless steel brass shims* |

